# IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## A. MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)
## MAGISTRAT

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Norbert Ciappara u**
**Dominic Micallef)**
**vs**
**Omar Algaz Abdul Hakim.**

**11/98**

**Illum 9 ta' Lulju 2001.**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Omar Algaz Abdul Hakim ta' 21 sena imwieled Tripoli, Libja, bin missier mhux maghruf u Tania née Xuereb, residenti 38, Triq Vittorio Cassar, B'Kara, ta' karta ta' identita numru 010217(A), akkuzat talli:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghal persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug

mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoni tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tat-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939), kif sussegwentement amendat, u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-depozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tat-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

3. fl-24 ta’ Ottubru 1997 u matul din l-ahhar sena kellu fil- pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-24 ta’ Ottubru 1997 u matul din l-ahhar sena biegh jew xort’ohra ittraffika r-rata mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. fl-24 ta' Ottubru 1997 kellu fil-pussess tieghu r-rata mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu;

6. li sar recidiv fit-terminu ta' l-Artikolu 50 tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tal-25 ta' Mejju 1993 - Awla 2, u 29 ta' Jannar 1996 - Awla 9, u 14 ta' Gunju 1994 - Awla 6, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali tat-12 ta' April 1999, u folio 110 tal-process, sabiex l-imputat jigi gudikat minn dina l-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat minn jeddu;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat bi traffikar u pussess tad-droga kokajina u l-rata tal-cannabis. Li apparti l-istqarrija ta' l-imputat (folio 61, dok. NC) il-prosekuzzjoni qeghdha tibbaza il-kaz taghha fuq xhieda ta' zewg guvintur li kienu fil-kumpanija ta' l-imputat meta giet elevata d-droga meritu dina l-kawza. Fil-fatt jirrisulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li fil-gurnata tat-24 ta' Ottubru 1997 il-pulizija kienet marret, wara informazzjoni li kienet irceviet anonimament, f'appartament numru 1 f'korp ta' appartamenti bl-isem ta' 'Old Trafford Flats' fi Triq Gdida gewwa Triq Awwista, ix-Xemxija, minn fejn kienu elevaw sustanza bajda, flixkun tal-plastika modifikat f'pipa, zewg skieken b'xi marki fuqhom, 'roll foil' tal-fidda, erba' pakketti sigaretti tal-marka Rizla u 'chopping board' b'xi marki kanella fuqu. Il-pulizija kienu wkoll elevaw mit-triq, precizament minn fuq il-bankina li tigi appena taht tieqa li taghti ghal barra ta' l-imsemmi appartament, bicciet tal-fidda flimkien ma'  sigarett tal-brim u qartas b'sustanza fih. Dwar dawn ta' l-ahhar wiehed miz-zewg guvintur fuq riferiti u precizament Steve Borg ammetta li kien hu li kien remihom mit-tieqa ghat-trig hekk kif induna li kienu gew il-pulizija[1].

Mill-analizi li saret fuq l-oggetti elevati u aktar il-fuq deskritti, rrizulta kif ser jinghad: - is-sustanza cannabis f'ammont ta' tracci fis-sigarett tal-brim u f'ammont nett totali ta' 15.05 grammi fi 17 il-bicca foil li kienu ilkoll elevati minn fuq il-bankina; - is-sustanza kokajina f'ammont nett totali ta' 0.62 grammi f'qartas tal-karti elevat minn fuq T.V desk u f'bicca foil elevata minn fuq il-bankina. Mill-analizi hemm eskluz li kien hemm xi tracci fuq is-skieken u l-'chopping board'.

---

[1] vide stqarrija tieghu folio 65 sussegwentement konfermata quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif jirrisulta mill-proces verbal relattiv esebit folio 125 et seq.

Dan l-ahhar fattur l-Qorti tqis li ghandu rilevanza mhux traskurabbli fl-isfond tax-xhieda taz-zewg guvintur fuq riferiti li stqarrew fl-istqarrija taghhom li l-imputat kien l-gurnata ta' qabel qatta'  blokka raza tal-cannabis fuq l-imsemmija 'chopping board'  permezz ta' wahda mis-skieken li kienu gew elevati. Tassumi rilevanza wkoll ghal fatt li l-imsemmija zewg guvintur donnhom riedu jitfghu kull htija fuq l-imputat, almenu ghal dawk is-sbatax il-qratas kontenenti l-cannabis, u b'hekk jiskolpaw lilhom infushom. Il-Qorti mhux qed tghid li dan hu hekk izda mill-kwadru tal-provi, ikkunsidrati wkoll dawk prodotti mill-imputat u x-xhieda tieghu stess, l-Qorti mhix qeghdha teskludiha u l-massima kardinali fid-dritt kriminali hija "in dubbio pro reo". Mill-banda l-ohra z-zewg guvintur fl-istqarrija rispettiva taghhom, debitament guramentata u wkoll ikkonfermata quddiem din il-Qorti, isemmu li minghand l-imputat kienu xtraw jew akkwistaw cannabis u wiehed mill-guvintur, precizament Ian Dimech, stqarr li kien talab lill-imputat jakkwistalu kokajina u li hu kien akkwistahilu. Jaccennaw ukoll ghal fatt li kienu pejpu l-cannabis flimkien mal imputat, fatt dan tax-'sharing'  li l-imputat jammetti meta u folio 222 fil-kors tax-xhieda tieghu qal dan it-testwali kliem ... "pero` fir-rigward dan it-tip ta' sustanza (ir-referenza hi ghal cannabis) jiena gieli xtrajt u gieli wkoll qsamniha, fis-sens illi konna ndawru sigarett jew tnejn u konna naqsmuhom". L-imputat pero` jinnega kull addebitu iehor, ossija, jinnega li qatt biegh kokajina jew ukoll li kien jikkunsmha jew li qatt kien xtraha jew ukoll li kien ibiegh l-cannabis, liema droga pero` jammetti li kien jiehu w kwindi li kien ikollu l-pussess taghha.

Kunsiderat dan kollu u fuq l-iskorta tax-xhieda fl-assiem taghha l-Qorti hi tal-fehma li jinsabu pruvati kontra l-imputat it-tielet, r-raba' u s-sitt akkuza din ta'

l-ahhar li tikkoncerna r-recidiva a bazi tal-verbali u folio 110 u 120. Mill-bqija mhux qeghdha ssib reita. Rat r-regolament 4 ta' l-A.L 292/1939**,** l-Artikolu 8 (a) (b) (d) (e), 22 (1) (f) (1B) (2) (b) (i) (ii) tal-Kap 101, u l-Artikolu 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija u hames mitt lira multa (Lm500) li ghandhom jigu konvertiti f'tliet xhur ohra prigunerija f'nuqqas ta' pagament minnufih.

Tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv jigi imnaqqas mill-piena u tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha konnessi u esebiti u tinnomina ghal dan il-fini l-Ispizjar Mario Mifsud li ghandu sa zmien gimgha minn meta dan il-gudikat isir definittiv sabiex jesegwixxi d-distruzzjoni u jipprezenta nota f'dan ir-rigward fl-atti ta' din il-kawza dwar l-operat tieghu.

Tikkundanna lill-imputat ai termini tat-talba tal-prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kap 9 li ihallas lir-Registratur ta' dawn il-Qrati l-ispejjez inkorsi fin-nomina ta' l-esperti n-konnessjoni mal-kawza u dana zmien xahar minn meta jigu lilu notifikati.

Il-Qorti mhux qeghdha tordna l-konfiska tal-ammont ta' Lm90 elevati mill-persuna ta' l-imputat u esebiti f'dawn l-atti stante li ma rrizultax b'mod inekwivoku li s-somma giet lill-imputat minn xi negozju ta' droga.

A.M.Trigona
Magistrat.

Nahlef li ttraskrivejt fedelment w onestament ir-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja,
Dep. Registratur.

“A general statement that the accused will interfere with the course of justice is not sufficient; supporting evidence must be provided”.

Harris & Boyle – Law of the European Convention on Human Rights – Butterworths 1995 p. 140

Also European Court in Clooth v Belgium (1991)

Art. 5(3) European Convention on Human Rights – read as meaning that the only conditions that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial – idem Harris & Boyle p. 142.